FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 18 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 16**

**Avviz. numru 441/01JR**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Elizabeth Borg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Gunju, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u erba' liri Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm204.24) dovuta mill-konvenuta in konnessjoni mal-hsarat fi proprjeta` ta' Maltacom p.l.c. ikkagonati konsegwenza ta' incident li sehh fis-7 ta' Lulju, 1999 fi Triq il-Latnija, Marsascala;**

**Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal-hlas izda baqghet inademjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Ottubru, 2000, u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' l-ittra ufficjali.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fit-8 ta' Awissu, 2001, fejn intqal illi l-konvenuta m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' din l-istanza u dan ghar-ragunijiet segwenti:**

i. **illi addirittura hdax-il xahar qabel ma nfethet il-kawza, is-socjeta` ta' l-assikurazzjoni tal-konvenuta kienet effetwat il-pagament ta' mija u sebgha u sebghin lira Maltija u sittin centezmu (Lm177.60) liema ammont huwa l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici meta titnaqqas it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) (Dok.A), u dan kif jidher mill-ittra mibghuta mis-socjeta` attrici stess fejn irrifjutat il-pagament (Dok.B);**

ii. **illi s-socjeta` ta' l-assikurazzjoni tal-konvenuta qed tirrifjuta li thallas il-VAT ghaliex ma kien hemm l-ebda prestazzjoni ta' servizz u ghaliex is-socjeta` attrici, jigifieri Maltacom p.l.c. tista' tigbor lura l-VAT imhallas minnha lill-kuntrattur li effettwa r-riparazzjonijiet minghand id-Dipartiment tal-VAT u dan kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

iii. **illi bejn il-31 ta' Mejju, 2000 u Ottubru ta' l-istess sena s-socjeta` assikurattrici tal-konvenuta ikkorispondiet dwar il-kwistjoni tal-VAT mas-socjeta` attrici u dan ghal diversi drabi kif jidher mid-Dokumenti "C","D","E","F" u"G" annessi.**

Ha konjizzjoni   tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

1. Din il-kawza qed issir ghall-hlas ta' mitejn u erba' liri Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm204.24), in konnessjoni ma' hsarat li sofriet is-socjeta` attrici b'konsegwenza ta' incident. Jirrizulta li l-konvenuta mhix qed tikkontesta l-ammont ta' mija sebgha u sebghin lira Maltija u sittin centezmu (Lm177.60), pero` qed tikkontesta l-VAT imhallas mis-socjeta` attrici, u li qed jigi reklamat mill-istess socjeta`.

2. Mill-invoice Dok.A, jirrizulta li s-socjeta` attrici, apparti l-ammont fuq imsemmi, kienet qed titlob il-hlas ta' sitta u ghoxrin lira Maltija erbgha u sittin centezmu (Lm26.64) VAT.

3. Is-socjeta` attrici kienet qabbdet kuntrattur biex jesegwixxi x-xogholijiet u l-kont tela' ghall-mitejn u erba' liri maltin erbgha u ghoxrin centezmu (Lm204.24), konsistenti fl-ammont li hu ammess u l-ammont ta' VAT li hu kontestat.

4. L-invoice numru 0000006869 esebit Dok.A jirreferi ghall-ammont mitlub u datat 29 ta' Frar, 2000, huwa mahrug minn Maltacom p.l.c. u jgib l-VAT registration number 1282-6209.

5. Skond l-ittra tas-7 ta' Lulju, 2000, Dok.B, is-socjeta` attrici kienet irrifjutat il-hlas ghax ma kienx thallas il-VAT ukoll mill-konvenuta. F'din l-ittra

**is-socjeta` attrici tghid li l-VAT li jigi dikjarat fuq l-invoice jithallas immedjatament lid-Dipartiment tal-VAT mill-istess socjeta`.**

6. **Is-socjeta` assikurattrici tal-konvenuta qed tghid li meta jeffettwaw pagamenti rigwardanti "claims" dawn ma jinkludux l-hlas tal-VAT. L-assigurazzjoni tikkontendi li s-socjeta` attrici tkun f'pozizzjoni li tirkupra l-VAT minghand id-Dipartiment.**

7. **It-Tribunal hu tal-fehma li dak li qed jintalab mis-socjeta` attrici huma d-danni attwalment subiti, liema danni necessarjament kienu jinkludu l-VAT ghall-servizzi resi mill-kuntrattur.**

8. **Pero` kemm-il darba il-konvenuta thallas l-VAT mitlub lis-socjeta` attrici, l-istess socjeta` tkun qed tircievi l-ammont ta' VAT kemm minghand il-konvenuta, apparti li jibqala d-dritt li tigi refuza l-istess ammont mid-Dipartiment. It-Tribunal ma jsib ebda raguni l-ghala m'ghandhiex is-socjeta` attrici tirreklama hi stess il-VAT direttament mid-Dipartiment.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jsib gustifikata l-eccezzjoni tal-konvenuta fis-sens li hi m'ghandhiex thallas il-VAT stante li dan jista' jigi rifuz lis-socjeta` attrici mid-Dipartiment, u konsegwentement filwaqt li jilqa' t-talba attrici ghall-hlas ta' mija sebgha u sebghin lira Maltija u sittin centezmu qed jichad it-talba tas-socjeta` attrici ghall-VAT.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta`**

**attrici.**

**Ghall kull bon fini, it-Tribunal qed jordna li kopja ta' din id-decizjoni tigi komunikata lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**